MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Numru 2392/2004

**Construct Furniture Limited**
**vs**
**John Sammut**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Dicembru, 2004, fejn:**
**Premess illi fil-21 ta' Ottubru 2003 l-atturi u l-konvenut dahlu fi ftehim bejniethom skond l-iskrittura hawn annessa u mmarkata Dok. A fejn ftehmu li l-atturi kellhom jissuplixxu lill-konvenut hames bibien ghal prezz ta' seba' mija u hamsa u erbghin Lira (Lm745);**
**Premess illi fis-6 ta' Novembru 2003 l-atturi u l-konvenut dahhlu fi ftehim bejniethom skond l-iskrittura hawn annessa u mmarkata Dok. B fejn ftehmu li l-atturi kellhom jissuplixxu lill-konvenut tlett xambrelli ghal prezz ta' mija sebgha u erbghin Lira (Lm147):**

**Premess illi l-konvenut hallas erbghin Lira (Lm40) fil-21 ta' Ottubru 2003, u mitejn u ghoxrin Lira (Lm220) flt-22 ta' Ottubru 2003, akkont tal-prezz ta' seba' mija u hamsa u erbghin Lira (Lm745) rigwardanti l-ftehim tal-21 ta' Ottubru 2003, skond ir-ricevuti annessi w mmarkati Dok. Cl u C2;**
**Premess illi l-konvenut hallas hamsin (Lm50) fis-6 ta' Novembru 2003, akkont tal-prezz ta' mija sebgha u erbghin lira (Lm147) rigwardanti l-ftehim tas-6 ta' Novembru 2003, skond l-ircevuta annessa w mmarkata Dok. D;**
**Premess illi l-konvenut ghal ebda raguni valida lil-ligi ddecieda unilateralment li ma jridx aktar il-bibien u x-xambrelli;**
**Premess illi l-konvenut jonqsu jaghti lill-atturi l-bilanc ta' hames mija tnejn u tmenin Lira (Lm582);**
**Premess illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas fis-16 ta' Jannar 2004, izda baqa' nadempjenti;**
**Intalab li t-Tribunal:**
**1. Jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-ordni li ghamel ta' hames bibien u tlett xambrelli hawn fuq indikati;**
**2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas hames mija tnejn u tmenin Lira (Lm582);**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-18 ta' Frar, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-ordni li ghamel ta' hames bibien u tlett xambrelli fuq indikati u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija tnejn u tmenin Lira (Lm582) bl-imghax legali mit-12 ta' Jannar, 2005, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------